Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 27 ta' Novembru 2026
(OR. en)

16166/1/26
REV 1 (da,fi,it,mt,sv)

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0900(APP)

AG 195
INST 462
PE 138
JUR 922
FREMP 360

PROPOSTA

minn:	Is-Sur Markus Winkler, Viċi Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew
data meta waslet:	12 ta' Novembru 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW li jemenda d-Deċiżjoni 2005/684/KE, Euratom li tadotta l-Istatut għall-Membri tal-Parlament Ewropew, fir-rigward tal-vot bi prokura

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-proposta msemmija hawn fuq adottata mill-Parlament Ewropew fit-12 ta' Novembru 2026, skont l-Artikolu 223(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Abbozz ta'

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW

li jemenda d-Deċiżjoni 2005/684/KE, Euratom li tadotta l-Istatut għall-Membri tal-Parlament Ewropew, rigward il-votazzjoni bi prokura

IL-PARLAMENT EWROPEW,

wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 223(2) tiegħu,

wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a(1) tiegħu,

wara li l-abbozz ta' att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Kunsill,

wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni,

filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġiżlattiva speċjali,

billi:

(1) Il-fatt li jiġi garantit li l-Membri tal-Parlament Ewropew ikunu jistgħu jieħdu l-liv tal-maternità filwaqt li jkomplu jeżerċitaw il-mandat tagħhom b'mod effettiv għandu jiffaċilita l-parteċipazzjoni tal-ommijiet fil-politika, filwaqt li jikkontribwixxi kemm għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-Parlament Ewropew kif ukoll għal rappreżentanza demokratika effettiva.

(2) L-introduzzjoni ta' sistema ta' votazzjoni bi prokura fis-sessjonijiet plenarji tal-Parlament Ewropew se tippermetti lill-Membri jeżerċitaw bis-sħiħ il-mandati tagħhom fil-perjodi immedjatament qabel u wara li jwelldu, jekk ikunu jixtiequ.

(3) Fl-Artikolu 6(1) tal-Att li jikkonċerna l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b'vot universali dirett, anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 76/787/KEFA, KEE, Euratom[1] (l-"Att Elettorali Ewropew"), jipprevedi li l-Membri jivvutaw fuq bażi individwali u personali. F'Mejju 2026 ġiet adottata Deċiżjoni li temenda l-Att Elettorali Ewropew[2] biex tipprevedi deroga mill-vot fuq bażi individwali u personali, liema deroga tippermetti lil ċerti Membri biex il-vot tagħhom jiġi mitfugħ minn Membru ieħor, li jaġixxi bħala prokuratur, taħt ċerti ċirkostanzi stretti.

---

1 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 76/787/KEFA, KEE, Euratom tal-20 ta' Settembru 1976 (ĠU L 278, 8.10.1976, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/1976/787(1)/oj).

2 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2026/1296 tas-26 ta' Mejju 2026 li temenda l-Att li jikkonċerna l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b'vot universali dirett, anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 76/787/KEFA, KEE, Euratom tal-20 ta' Settembru 1976 (ĠU L, 2026/1296, 10.6.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2026/1296/oj).

(4) Peress li l-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni 2005/684/KE, Euratom tal-Parlament Ewropew[3] (l-"Istatut għall-Membri") jirriproduċi bis-sħiħ l-Artikolu 6(1) tal-Att Elettorali Ewropew, l-Artikolu 3 tal-Istatut għall-Membri għandu jiġi emendat biex jirriproduċi l-istess deroga bħal fl-Artikolu 6 tal-Att Elettorali Ewropew (delega tal-vot). Għandhom jiġu stabbiliti wkoll kundizzjonijiet ġenerali li skonthom dik id-deroga għandha tiġi implimentata permezz ta' arranġamenti dettaljati fir-Regoli ta' Proċedura u tiżgura l-konformità mal-prinċipji tat-trasparenza, ir-responsabbiltà, it-traċċabbiltà, iċ-ċertezza legali u l-integrità tal-vot.

(5) Fl-interess taċ-ċertezza legali, għandu jiġi ċċarat li l-votazzjoni bi prokura għandha tintuża esklużivament fis-sessjonijiet plenarji, u li l-voti mitfugħa bi prokura għandhom jgħoddu għall-kworums, għal-limiti u għall-maġġoranzi meħtieġa għall-voti fil-Parlament.

(6) Sabiex jiġu ggarantiti ċ-ċertezza legali u l-integrità tal-vot, id-delega tal-vot għandha ssir fuq bażi volontarja u revokabbli. Ir-revoka tad-delega tal-vot għandha tkun possibbli fi żmien raġonevoli qabel ma tibda s-sessjoni ta' votazzjoni, inkluż sabiex jinbidel il-prokuratur iddeżinjat.

(7) Sabiex jiġu ggarantiti t-traċċabbiltà u r-responsabbiltà tal-votazzjoni, il-Membri għandhom ikunu pprojbiti milli jkollhom aktar minn delega waħda tal-vot fl-istess ħin.

(8) Sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti għat-trasparenza, l-ismijiet kemm tal-Membru assenti kif ukoll tal-Membru li jaġixxi bi prokura għandhom ikunu rreġistrati b'mod ċar fil-minuti, u dawk il-minuti għandhom jindikaw b'mod ċar il-voti mitfugħa bi prokura.

(9) Sabiex jinkisbu r-responsabbiltà, l-integrità, it-traċċabbiltà u ċ-ċertezza legali, il-voti kollha mitfugħa bi prokura għandhom ikunu verifikabbli u jkunu jistgħu jiġu kkoreġuti, kif diġà huwa l-każ għal voti oħra. L-ebda tilwima dwar vot mitfugħ bi prokura ma għandha taffettwa l-validità tal-vot jew dik tar-riżultati tal-votazzjoni.

(10) Għaldaqstant, l-Istatut għall-Membri għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

[3] Id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew 2005/684/KE, Euratom tat-28 ta' Settembru 2005 li tadotta l-Istatut għall-Membri tal-Parlament Ewropew (ĠU L 262, 7.10.2005, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2005/684/oj).

Artikolu 1

Fl-Artikolu 3 tal-Istatut għall-Membri tal-Parlament Ewropew, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3. B'deroga mill-paragrafu 1, Membru li tkun tqila jew li tkun welldet tista' tiddelega l-vot tagħha lil Membru ieħor li jaġixxi bi prokura, għal perjodu massimu ta' tliet xhur qabel id-data stmata tat-twelid tat-tarbija u għal perjodu massimu ta' sitt xhur wara li l-Membru tkun welldet.

L-arranġamenti dettaljati għad-deroga għandhom jiġu stabbiliti fir-Regoli ta' Proċedura u għandhom ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet ġenerali li ġejjin:

(a) id-delega tal-vot għandha tapplika esklużivament għas-sessjonijiet plenarji;

(b) id-delega tal-vot għandha tkun kompletament volontarja u dejjem tista' tiġi revokata fi żmien raġonevoli qabel il-sessjoni tal-votazzjoni;

(c) l-ebda Membru m'għandu jkollu aktar minn delega waħda tal-vot fi kwalunkwe ħin partikolari;

(d) kemm l-isem tal-Membru li tiddelega l-vot tagħha kif ukoll l-isem tal-Membru li jeżerċita l-vot b'delega għandhom jiġu rreġistrati fil-minuti tas-seduta u r-riżultati tal-votazzjoni ppubblikati għandhom jindikaw b'mod ċar il-voti mitfugħa bi prokura;

(e) il-Membru li tiddelega l-vot tagħha għandha tingħadd għall-fini li jiġu stabbiliti kworums, limiti u maġġoranzi meħtieġa għall-voti fil-Parlament;

(f) nuqqas ta' qbil tal-Membru li tiddelega dwar vot mitfugħ b'delega ma għandux jaffettwa l-validità tal-vot u lanqas ir-riżultat tal-votazzjoni;

(g) il-korrezzjonijiet tal-voti mitfugħa b'delega għandhom ikunu possibbli skont l-istess kundizzjonijiet u bl-istess mod bħall-voti mitfugħa mingħajr delega, iżda ma għandhomx jaffettwaw il-validità tal-vot u lanqas ir-riżultat tal-votazzjoni."

Artikolu 2

Dan ir-regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum wara d-data li fiha tkun waslet l-aħħar notifika msemmija fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2026/1296 tas-26 ta' Mejju 2026 li temenda l-Att li jikkonċerna l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b'vot universali dirett, anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 76/787/KEFA, KEE, Euratom tal-20 ta' Settembru 1976.

Magħmul fi …

Għall-Parlament Ewropew
Il-President,